MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Numru. 385/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Nicola Mc Harg**

**Kevin Busuttil**

**Kumpilazzjoni Nru: 385/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Nicola Mc Harg**, ta’ 34 sena, bint Gordon u Nathalie nee’ Gauci, imwielda San Giljan, fis-6 ta’ Lulju, 1979 u residenti fil-fond numru 3, ”Altair”, Flat 2, Vjal De Paule, Balzan, u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 436279(M); u

**Kevin Busuttil**, ta’ 38 sena, iben Francis u Annunziata nee’ Ebejer, imwieled Pieta’, fil-11 ta’ Mejju, 1975 u residenti fil-fond Flat 8, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk B, B’Bugia u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 244775 (M).

Akkuzati talli f’Marzu, 2011 u fix-xhur u snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghlu jitwemmnu l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centemzu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37) ghad-dannu ta’ Paolo Gauci ID 22937 (M) u/jew il-Gvern ta’ Malta u/jew WJ Coppini & Co Financial Services.

2. Talli xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza

**Lil Kevin Busuttil wahdu**

3. Talli xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreprat jew ikkunsmat.

**Lil Nicola Mc Harg wahedha**

4. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ikkomettiet serq ta' zewg cekkijet tal-Bank Centrali ta' Malta bin-numri 861039, 910364, ilkoll mahrugin fuq kont bankarju numru 00040091017 bi hsara ta' Paolo Gauci ID 22937M u/jew il-Gvern ta' Malta u ta cekk tal-Bank of Valletta numru 002198 kont bankarju numru 13804892016 bi hsara ta' Paolo Gauci ID 22937M, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna;

5. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi.

6. U aktar talli kellha f'idejha passaport mahrug lilha minn awtorita' kompetenti u ttrasferixxiet dak il-passaport lil persuna ohra;

7. wettqet reat fi zmien il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenzi jew moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) u saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; s

8. saret recediva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti.

Rat l-artikoli 18, 28B, 42(d), 49, 50, 183, 184, 261(c)(d), 267, 268(c), 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3(a) tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza ta' llum l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-reati li taghhom kull wiehed mill-imputati qed jinstab hati u l-fedina penali taghhom, kif ukoll l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li z-zewg imputati ghandhom problema b'l-abbuz tad-droga u jidher li qeghdin jiehdu l-passi biex jindirizzaw din il-problema b'mod effettiv. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex timponi piena karceraja imma ghandha taghti liz-zewg imputati l-

ahhar opportunita biex, b'l-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, verament jirriabilitaw lilhom infushom.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti

Wara li rat l-artikoli 18, 28B, 49, 50, 183, 184, 261(c)(d), 267, 268(c), 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3(a) tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputatai **Nicola Mc Harg** hatja ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

U wara li rat l-artikoli 18, 42(d), 183, 184, 261(c)(d), 267, 268(c), 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Kevin Busuttil** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri kekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------